MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2012

Numru. 411/2012

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Saviour Agius**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Saviour Agius ta' 52 sena, iben Nazzareno u Mary nee' Galea, imwieled Valletta nhar id-29 ta' Lulju 1958 u residenti f' numru 6, Flat 1, Triq l-Iskola, Hamrun u li ghandu numru tal-karta tal-identita' 0526458(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar it-18 ta' Lulju 2011 u fil-jim ta' qabel fi Triq l-Iskola, l-Hamrun u f'dawn il-Gzejjer Maltin ghamel hsara volontarja fuq vettura AAE 684 ghad dannu ta' Romina Mangion li

ghandha numru tal-karta tal-identita' 410675(M), liema ammont tal-hsara ma jiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47).

Rrenda ruhu recediv, b'sentenza tal-Qorti liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti kienet genitlment mitluba sabiex jipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' Romina Mangion li ghandha numru tal-karta tal-identita' 410675(M), l-kundizzjonijiet li jidhirlha xieraq u dan ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta' April 2012 (esebit a fol. 10 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza tieghu surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-24 ta' Mejju 2012 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, kkunsidrat l-fatt li l-ammont ta’ danni thallas seduta stante lil parti civili u li l-parti civili rrinunzjat ghall ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat izda kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikolu 49 izda mhux ai termini tal-Artikolu 50 stante li ghaddew aktar minn hames snin.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325(1)(b) u 49 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu, kif minnu ammessa u tikkundannah tmien(8) xhur prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perijodu ta’ sentejn(2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------